MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 105/2005

Reverendu Dun Karm Curmi bhala Segretarju Amministrattiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kurja Veskovili ghal Ghawdex u permezz ta’ nota prezentata fit-23 ta’ Jannar 2007 (fol. 113) Monsinjur Dun Guzepp Cauchi assuma l-atti tal-kawza bhala Segretarju Amministrattiv tal-Kurja Veskovili ghal Ghawdex

vs

Rita Formosa u ghal kull interess li jista’ jkollha Mary mart George Cordina u permezz ta’ nota prezentata fil-21 ta’ Lulju 2009 Mary Cordina ddikjarat li bhala werrieta ta’ ommha Rita Formosa li mietet fit-3 ta’ April 2009 ghandha nteress li tkompli l-kawza

Il-Qorti,

**Konverzjoni ta' enfitewsi temporanja f'enfitewsi perpetwa – Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158).**

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-26 ta' Ottubru 2005 fejn l-attur ippremetta:-

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Giorgio Cutajar tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu elf disa mija tlieta u disgha mija tliea u disghin (1893), il-Kurja Veskovili ta' Ghawdex, ikkoncediet il-fond numru dsatax (19), Strada Faro, sqaq wiehed (1), dakinhar il-kontrada tal-Ghasri, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, in enfitewsi temporanja lil certu Salvatore Mercieca.

Illi dan il-koncessjoni saret ghad-disgha u disghin (99) sena b'effett mill-hmistax (15) ta' Awwissu elf tmien mija tnejn u disghin (1892), u ghalhekk kellha tiskadi fil-15 ta' Awwissu 1991.

Dakinhar tat-terminazzjoni tal-enfitewsi, dan il-fond, illum maghruf bin-numru tletin (30), dakinhar Triq il-Fanal u llum Triq il-Maxrabija (Kixxiferja), Ghasri kien okkupat mill-konvenuta Rita Formosa, izda mhux bhala d-dar ta' residenza unika taghha, anzi lanqas bhala dar ta' residenza.

Peress illi l-konvenuta Mary Cordina qeghda tigi citata ghal kull interess li jista' jkollha in kwantu tigi bint il-konvenuta l-ohra, u bint zewgha Guzepp Formosa, u lanqas din ma kienet tabita fil-fond de quo bhala d-dar ta' residenza taghha dakinhar tat-terminazzjoni tal-enfitewsi.

Illi ghalhekk l-ebda wahda mill-konvenuti ma kellha, u ma ghandha xi dritt fil-ligi illi titlob din l-enfitewsi temporanja tigi konverita f'enfitewsi perpetwa.

Illi minkejja dan, u minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-Kurja lill-konvenuti sabiex jizgombraw minn dan il-fond u thallih a libera disposizzjoni tal-attrici, dawn jew min minnhom qeghdin jirrifjutaw illi jaghmlu dan.

Inoltre il-konvenuti hallew il-fond jiddeterjora u ssirlu hsara ingenti bi ksur tal-kondizzjonjiet espressament pattwiti fil-kuntratt ta' enfitewsi temporanja, liema deterjorament kompla jaggrava ruhu wara li skadiet l-enfitewsi temporanja.

Il-Kurja trid illi il-hsarat kagunati fil-fond jigu riparati mill-konvenuta jew almenu din taghmel tajjeb ghall-ispejjez necessarji sabiex il-fond jigi riparat. Izda dwar dan qieghed jirrizerva minn issa illi jipprocedu fi stadju ulterjuri.

Ghalhekk l-attur talab il-qorti;

1. Tiddikjara li l-konvenuti qeghdin jokkupaw il-fond numru tletin (30) qabel numru dsatax (19), Triq il-Fanal, Ghasri minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Konsegwentement tikkundannahom sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss tizgombraw minn dan il-fond u thalluh a libera disposizzjoni tal-attur.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentat fit-18 ta' Novembru 2005 minn Rita Formosa (fol. 63) fejn eccepiet:

1. It-talbiet attrici kollha in kwantu diretti lejn l-eccipenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-eccipjenti, ghandha titolu validu ta' enfitwesi perpetwa fuq il-fond 30, Triq il-Fanal, Ghasri, kif jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-18 ta' Novembru 2005 minn Mary mart George Cordina (fol. 65) fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici kollha in kwanti diretta lejn l-eccipjenti huma manisfestament infondanti fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-eccipjenti la ghandha u lanqas qatt kellha ebda relazzjoni guridika ma' l-attur nomine u dan kif l-attur nomine jaf jew imissu jaf ben tajjeb.
2. Ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat l-atti kollha nkluz in noti ta’ sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta l-fond numru 39, Triq il-Maxrabja, Ghasri. Fil-qosor irrizulta li:-

i. Dan il-fond kien inghata mill-attur b’cens temporanju ghall-perjodu ta’ 99 sena permezz ta’ kuntratt li sar fit-28 ta’ Marzu 1893 fl-atti tan-nutar Giorgio Cutajar. L-enfitewta kien Salvatore Mercieca.
ii. F’xi zmien certu Teresa Galea, li mietet fl-14 ta’ Mejju 1978, kienet bdiet thallas ic-cens.
iii. Jirrizulta li wara l-mewt ta’ Tereza Galea, Guzepp Formosa kien ihallas ic-cens[1]. Permezz ta’ ricevuta ta’ hlas datata 17 ta’ Settembru 1979 gie dikjarat: *“Jien hawn taht iffirmat bhala prokuratur tal-Legati parrokjali tal-Ghasri, niddikjara li rcevejt minghand Guzepp Formosa bin Frenc, li joqghod: 34, Triq il-Fanal, Ghasri, Ghawdex, is-somma ta’ Lm0.72,5 bhala hlas ta’ cens ta’ dar, indirizz 30, Triq il-Fanal, Ghasri ghas-sena 1978.”*.
iv. Fir-registru elettorali ta’ Ottubru 1988 jinghad li Guzepp Formosa kien residenti fil-fond 34, Triq il-Fanal, Ghawdex. Fir-registru elettorali ta’ Ottubru 1990 u April 1991, l-indirizz hu dak tal-fond meritu ta’ din il-kawza. Fl-istess indirizz kienet registrata l-konvenuta Rita Formosa, li l-qorti qeghda tifhem li kienet martu.
v. Il-koncessjoni enfitewtika skadiet fil-15 ta’ Awwissu 1991.
vi. Guzepp Formosa miet fis-16 ta’ April 2000.
vii. Il-konvenuta Rita Formosa, li mietet fit-3 ta’ April 2009, kienet tippretendi li ghandha titolu ta’ enfitewsi perpetwa fuq il-fond in kwistjoni.
viii. Il-konvenuta Mary Cordina, bint Guzepp u Rita konjugi Formosa, m’hijiex tippretendi xi jedd fuq il-fond *de quo* tant li fin-nota tal-eccezzjonijiet iddikjarat: *“Illi t-talbiet attrici kollha in kwanti diretta lejn l-eccipjenti huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-eccipjenti la ghandha u lanqas qatt kellha ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur noe. u dan kif l-attur noe. jaf jew imissu*

[1] Ara affidavit ta Rev. Kanonku Guzepp Mintoff a fol. 40.

*jaf tajjeb."* (fol. 65). Madankollu wara l-mewt ta' ommha, fil-21 ta' Lulju 2009 ipprezentat nota fejn iddikjarat li qeghda tkompli l-kawza bhala wahda mill-werrieta.

2. Bhala prova l-konvenuti ma pprezentawx xi kuntratt minn fejn jirrizulta li Guzepp Formosa jew martu akkwistaw l-utile dominju tal-fond meritu tal-kawza. Hu l-Artikolu 12(4) u (5) tal-Kap. 158 li jipprovdi ghall-possibilita' ta' konverzjoni minn enfitewsi temporanja ghall-enfitewsi perpetwa. Il-kundizzjonijiet huma s-segwenti:-

a. Ir-regola tapplika fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni.
b. L-enfitewsi temporanja trid tkun ghal iktar minn 30 sena u saret qabel il-21 ta' Gunju 1979.
c. Fit-tmiem tal-enfitewsi, id-dar ta' abitazzjoni trid tkun okkupata minn cittadin Maltin u tintuza bhala r-residenza ordinarja tieghu.
d. L-enfitewta ghandu perjodu ta' sitt (6) xhur mid-data tat-tmiem tal-enfitewsi temporanja sabiex jezercita tali dritt. Fin-nuqqas tali dritt ighaddi ghand l-okkupant tad-dar.

3. Wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza u permezz ta' nota prezentata fit-3 ta' Gunju 2009 mill-attur (fol. 314) iddikjara:

*"Illi permezz taghha qed tesebixxi kopja ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 30 ta' Ottubru 2008 fil-kawza Paola sive Pawlina Vassallo vs Marija Dalli li qed tigi annessa u mmarkata bhal Dok. X, li permezz taghha gie ddikjarat illi l-Artikolu 12(4) u (5) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta huwa null u bla effett, sabiex din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni taghha......"*.

Jidher li f'dan l-istadju hekk avanzat tal-kawza l-attur qieghed jargumenta li l-Artikolu 12(4) u (5) jivvjola d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Tant hu hekk li fis-sentenza li ccita, il-qorti ddikjarat li ma tistax tapplika l-Artikolu 12(4) u (5) ghaliex dawn il-provvedimenti kienu

gew dikjarati nulli fis-sentenza **Mario Galea Testaferrata et vs Il-Prim Ministru et** li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2000.

F'kaz simil fil-kawza **Filomena Tonna vs Baruni Salvatore sive Salvinu Testaferrata Moroni Viani**, il-Qorti tal-Appell permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Jannar 2009 ordnat riferenza sabiex jigi determinat:

***"jekk tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, id-drittijiet fundamentali ta' l-appellanti kif protetti mill-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 ta' l- Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) jigux jew x'aktarx jigu miksura, jekk kemm-il darba l-appellata Filomena Tonna tigi awtorizzata tezercita l-fakolta` lilha moghtija mill-Artikolu 12 tal-Kap. 158 li tikkonverti t-titolu ta' enfitewsi temporanja, f'wiehed ta' enfitewsi perpetwa, u dan fl-eventwalita` li l-aggravji l-ohra ta' dan l-appell jigu michuda***.".

Riferenza li ghadha pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. F'din il-kawza waqt is-smiegh tal-provi ma saret l-ebda talba biex issir riferenza skond il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni.

4. Madankollu l-qorti ser tqies jekk f'dan il-kaz partikolari jezistux l-elementi mehtiega sabiex jigi applikat l-Artikolu 12(4) u (5) tal-Kap. 158. Meqjus il-konsiderazzjonijiet li ser taghmel il-qorti fil-meritu, ma tqiesx li hemm skop li dawn il-proceduri jkomplu jitwalu inutilment billi tigi kontemplata l-possibilta' li ssir xi riferenza kostituzzjonali.

F'dan il-kaz l-oneru tal-prova qieghed fuq il-konvenuta. Wara li l-qorti kellha l-opportunita' li tezamina l-provi li ressqu l-konvenuti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li fuq bazi ta' probabilita' l-konvenuta Rita Formosa rnexxielha taghti prova sodisfacenti li fit-tmiem tal-enfitewsi temporanja kienet qeghda tokkupa l-fond bhala r-residenza ordinarja taghha. Kwisjoni li hi wahda ta' fatt. Il-

ligi ma taghti l-ebda definizzjoni tal-kliem **"residenza ordinarja"**, ghalkemm rilevanti hu dak li nghad fil-kawza **Victor Montebello et vs Alfred Grima et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2] fil-5 ta' Mejju 2005; *"Biex wiehed jista' jistabilixxi jekk persuna jkolliex ir-residenza ordinarja taghha f'post partikolari huma relevanti c-cirkostanzi kollha tal-kaz illi jistghu jindikaw jekk il-membru tal-familja kienx qieghed jaghmel uzu mill-fond in kwistjoni ghal dawk l-iskopijiet li wiehed jifhem b'residenza ordinarja. Dawn jinkludu l-irqad u mistrieh regolari fil-fond in kwistjoni; l-fatt li fil-fond in kwistjoni jinzammu l-oggetti personali u l-hwejjeg ta' min jippretendi li ghandhu residenza; l-fatt illi f'din ir-residenza huwa jghaddi z-zmien liberu tieghu fejn hu jipprattika d-delizzji tieghu u jaghmel ix-xoghol personali tieghu. Tindika wkoll il-kelma 'residenza', l-fond fejn wiehed jippranza u jiccena, fejn wiehed jircievi l-korrispondenza u anke fejn jircievi l-hbieb, u fejn il-hbieb u terzi jistennew li jsibu lil min hu hemm residenti."*.

Mill-atti jirrizulta kif:-

- Il-konvenuta kellha r-residenza fl-istess triq. Il-fatt li fir-registru elettorali kienet registrata bhala residenti fil-fond meritu tal-kawza, m'hijiex xi prova certa li f'eghluq tal-enfitewsi temporanja kienet qeghda tuza l-fond bhala r-residenza ordinarja taghha. Tali registrazzjoni tista' sservi biss bhala indizju izda certament m'hijiex prova konklussiva. Hu maghruf li hemm diversi persuni li jkunu registrati bhala residenti f'dar li fir-realta' ma tkunux qeghda tintuza minnhom bhala residenza ordinarja, u dan sabiex jiehdu xi beneficcju. Hekk per ezempju hemm Maltin li ghalkemm fir-registru elettorali huma registrati bhala residenti f'Ghawdex, fir-realta jghixu f'Malta. Dan jaghmluh ghas-semplici raguni li ikollhom dritt ghal skont fil-prezz tal-biljett tal-vapur peress li ufficjalment ikunu jidhru li jirrisjedu f'Ghawdex.

- Il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova li fid-data tat-terminazzjoni tal-enfitewsi temporanja kienet qeghda tghix fil-fond in kwistjoni bhala r-residenza taghha. F'dan il-

[2] Imhallef Tonio Mallia.

kuntest issir riferenza ghall-affidavit taghha (fol. 203-205), fejn qalet li wara l-mewt ta' Tereza Galea (14/5/1978) zewgha kien baqa' jghix fil-post. Qalet ukoll li *"....il-post li kien ta' Tereza, ahna ilna ghalhekk midhla tieghu ghal madwar xi 35 sena....."* (fol. 205). B'daqshekk ma jfissirx li kienet tuzah bhala r-residenza ordinarja taghha. Fl-ebda parti tal-affidavit ma qalet li fiz-zmien li ghalqet l-enfitewsi temporanja (15/8/1991) kienet qegha tabita f'dan il-fond u tuzah bhala r-residenza ordinarja taghha. Xhieda li tikkontradici dak li qalet fid-dikjarazzjoni guramentata li ghamlet man-nota tal-eccezzjonijiet: *"......jiena sussegwentement uzajt dan il-fond bhala fond ta' residenza effettiva tieghi u dan kien l-istat ta' fatt fiz-zmien ta' l-eghluq tac-cens temporanju imsemmija f'dina ic-Citazzjoni."* (fol. 63). Sahansitra fil-kontroezami xehedet: *"Jiena ma nghid xejn meta qed jigi suggerit li r-ragel tieghi kien joqghod tnejn u tletin (32), Triq il-Fanal, Ghasri,* ***imma jista' ikun****."* (fol. 216). Kliem li fil-juru l-ezitazzjoni tal-konvenuta waqt il-kontroezami. Verzjoni li tikkuntrasta sew mad-dikjarazzjoni kategorika li ghamlet fl-affidavit (fol. 2003) li zewgha kien ighix fil-fond in kwistjoni. Verzjoni li tnissel dubju serju fuq kemm qalet il-verita' fl-affidavit (fol. 203).

- Bl-istess mod il-konvenuta l-ohra, Mary Cordina, ma qalitx li fil-perjodu rilevanti[3] ommha kienet qeghda tghix fil-fond in kwistjoni (ara fol. 210-211), ghalkemm iddikjarat li missierha kien baqa' jghix fil-post ukoll wara li mietet Tereza Galea. Sahansitra, George Codina[4], xehed li hu u martu kienu ghamlu numru ta' snin ighixu fil-fond in kwistjoni; *"Nghid ukoll illi fil-fatt ghall-ewwel li zzewwigna jiena u l-mara tieghi, konna morna noqghodu f'dan l-istess post."* (fol. 212). Minn dak li qal ix-xhud jidher li Cordina zzewwgu fl-1988. Mary Cordina fl-ebda parti tax-xiehda taghha ma semmiet li ghamlet xi snin tghix ma' zewgha f'dan il-post. Anzi xehedet li hi u zewgha kienu ghamlu zmien ighixu fl-istess fond ma' ommha, li m'huwiex dak meritu tal-kawza. Din l-inkonsistenza fil-verzjonijiet ma tistax tikkonvinci lill-qorti li l-verzjoni tal-konvenuti ghandha

[3] Meta tterminat l-enfitewsi temporanja.
[4] Ir-ragel ta' Mary Cordina.

mis-sewwa. L-istess xhud qal li fir-registru elettorali ma kienx registrat fil-fond 30, Triq il-Fanal, Ghasri peress li *"...ma kien accessibbli ghax kullma kien jghaddi minnu huwa wisgha ta karettun allura kont inhoss li huwa aktar konvenjenti li korrispondenzi u ohrajn jaslu fl-indirizz tnejn u tletin (32), Triq il-Fanal, Ghasri."* (fol. 263). Spjegazzjoni fqira u xejn kredibbli.

- Fil-fond in kwistjoni ma kienx hemm il-bzonnijiet bazici, bhal dawl u ilma. Il-konvenuta Rita Formosa qalet ukoll li *"Il-post ta' Tereza dejjem kien imqabar sew u kellu bzonn rangatura."* (fol. 205). Il-qorti ma tqiesx li hi verosimili li persuna tmur tghix go fond mhux attrezzat meta ghandha r-residenza taghha zewg bibien 'il boghod. Wisq inqas tara verosimili li Guzepp Formosa mar ighix wahdu f'dan il-post meta ma jirrizultax li kellu xi problemi matrimonjali ma' martu jew xi raguni ohra ghalfejn kellu jmur ighix f'dan il-fond. Inoltre f'testment *unica charta* li sar fid-29 ta' Dicembru 1979 fl-atti tan-nutar Dr Michael Refalo, Guzepp u Rita konjugi Formosa ddikjaraw (Il-Hames Artikolu) li l-fond numru 34, Triq il-Fanal, Ghasri hi d-dar ta' abitazzjoni taghhom. Fid-data li sar dan it-testment Tereza Galea kienet diga' mejta. Dikjarazzjoni li tikkontradici l-verzjoni li Guzepp Formosa kien ighix fil-fond numru 30, Triq il-Fanal, Ghasri flimkien ma' Tereza Galea u li wara l-mewt taghha baqa' jghix f'dan il-fond. Interessanti wkoll kif f'testment li ghamlet fil-15 ta' Novembru 1999 fl-atti tan-nutar Enzo Dimech, il-konvenuta Rita Formosa ddikjarat (Tieni Artikolu) li d-dar numru 32, Triq il-Fanal, Ghasri, Ghawdex hi r-residenza taghha u ta' zewgha. Fatti li kollha jimmilitaw kontra l-verzjoni tal-konvenuta li zewgha kien ighix u baqa' jghix fil-fond 30, Triq il-Fanal, Ghasri, Ghawdex sakemm miet (fol. 205). Il-permess tad-difna ta' Guzepp Formosa hu prova ohra kemm dak li xehedet Rita Formosa m'ghandux mis-sewwa, in kwantu l-indirizz ta' residenza gie dikjarat li hu: ***"32, Lighthouse Street, Ghasri"*** (fol. 241).

- Ma jirrizultax li Guzepp Formosa qatt ghamel talba jew ha passi sabiex il-fond jnghata lilu b'enfitewsi perpetwa b'eskluzjoni tal-enfitewta. Minn qari tal-Artikolu 12(5) tal-Kap. 158 hu evidenti li l-konverzjoni ma ssehhx

awtomatikament bis-sahha tal-ligi. Hemm bzonn li jsir att pubbliku (Artikolu 12(6) tal-Kap. 158) fejn ikunu jezistu l-elementi mehtiega ghall-konverzjoni, u fin-nuqqas l-okkupant ghandu jiehu passi kontra d-direttarju sabiex jigi dikjarat li hu ntitolat li jinghata d-dar ta' abitazzjoni b'enfitewsi perpetwa. Ghalhekk, semmai jekk ghall-grazzja tal-argument kien jezisti xi dritt fit-termini tal-Artikolu 12(5) tal-Kap. 158, dan kien favur Guzepp Formosa u zgur mhux tal-konvenuta Rita Formosa li m'hemmx dubju li ma kenitx tghix fl-imsemmi fond fil-perjodu (15 ta' Awwissu 1991).

Fl-ahharnett il-qorti hi moralment konvinta li l-verzjoni li taw il-konvenuti mhi xejn ghajr storja ntiza sabiex Rita Formosa tipprova tirbah drittijiet fuq il-proprjeta li m'ghandix dritt ghalihom. Il-konvenuti naqsu wkoll milli jressqu xhieda indipendenti li m'ghandhomx interess f'dan il-procediment u li setghu jikkoraboraw il-verzjoni taghhom. Anzi mill-provi li ressaq l-attur jidher li hadd min-nies li kienu midhla ta' dawk l-inhawi ma kkonfermaw li Guzepp Formosa jew Rita Formosa kienu jghixu f'dan il-fond.

5. Ghal dik li hi l-konvenuta l-ohra, jidher li jista' jkollha nteress f'dan il-procediment in kwantu fit-testment li ghamlet Rita Formosa fl-4 ta' Dicembru 2001 fl-atti tan-nutar Dr Kristen Dimech gie dikjarat li halliet lil bintha u lil zewgha George Cordina d-drittijiet li ghandha fuq il-fond numru 32, Triq il-Fanal, Ghasri, Ghawdex; *"It-testatrici tiddikjara li dan il-fond kien ippossjedut b'enfitewsi temporanja li giet ikkonvertita f'wahda perpetwa fit-termini tal-ligi."*. Il-probabilita' hi li n-numru tal-fond kellu jaqra 30 u mhux 32, cjoe' l-fond meritu ta' din il-kawza. Pero' gialadarba rrizulta li l-konvenuta Rita Formosa m'ghandha l-ebda drittijiet, bl-istess mod bintha Mary Cordina ma setghet akkwistat l-ebda drittijiet bid-disposizzjoni testamentarja li ghamlet ommha.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-**

**konvenuti, tiddikjara li m'ghandhomx titolu fuq il-fond 30, Triq Ghasri, Ghawdex u tikkundanna lil Mary Cordina sabiex fi zmien ghoxrin (20) jum tizgombra minn gewwa l-imsemmi fond.**

**Spejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------